Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 305/2015

Il-Pulizja

Spettur Angelo Gafa

Vs

Walter Zammit

Omissis

David Delicata

Angela Delicata

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Walter Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 499748M, Omissis, David Delicata, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 162878M u Angela Delicata detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 217181M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju, 2004 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hwienet 'Misto', u/jew 'Zero Two', f'Baystreet Complex, fil-bajja ta' San Giljan, San Giljan, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunssn tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta'

industrija, jew xjentement ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati, jew mbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ghamlu uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella, jew emblem, li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghew merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, xjenetement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb illi jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghew jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri, jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkjettar taghhom kellu fuau, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

U aktar talli b'hekk, omissis kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2), liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-26 ta' Settembru, 2002.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzati kollha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u dana wara li rat l-artikoli 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 72(1)(b) tal-Kaptiolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset ukoll is-sentenza esebita fil-konfront ta' ommissi li giet moghtija fis-26 ta' Settembru, 2002; rat illi fiha huwa kien gei liberat bil-kundizzjoni ta' sentejn (2) skond l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta; rat illi ghalhekk, in kwantu ghad-data ta' dawn l-akkuzi hu kiser tali kundizzjoni. Qieset ukoll il-fedini penali esebiti, kollha netti ghajr ta' omissis, ghaldaqstant, anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil Angela Delicata, David Delicata u omissis ghal multa ta' Elfejn Ewro

(€2000) kull wiehed, u bl-applikazzjoni tal-Artikou 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin m'illum.

Min-naha l-ohra, ghalkemm il-Qorti kienet lesta biex lil Walter Zammit ma timponix fuqu piena karcerarja effettiva, wara anke li rat l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap 152 (illum imhassar) u r-reat li issa gew decizi u li taghhom kif premess instab hati applikat kontra tieghu zewg liberazzjoni kundizzjonata wkoll ghal tlett (3) u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal_ligjiet ta' Malta, pero' dwar il-multa, ghax deher li hu ma biddel xejn mill-modus operandi tieghu u kkundannatu ghar-reati li ghalihom gie issa kkundanat u dan konsiderando dak stabbilit fil-Kapitolu 416 Artikolu 74, ghal multa ta' sitt elef Ewro (€6000).

Tordna d-distruzzjoji tal-oggetti kollha ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Walter Zammit, David Delicata u Angela Delicata, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2015, fejn l-appellanti David u Angela mizzewgin Delicata jitolbu bir-rispett illi l-Qorti tilqa' l-appell u li s-sentenza appellata tigi annulalta u ddikjarata mhux esegwibbli kontra taghhom peress li l-kundanna kontra persuni bil-kunjom "Delikata" ma taghmilx stat fil-konfront taghhom stante li kunjomhom m'huwiex "Delikata" u inoltre minghajr pregudizzju ghal dan, l-esponenti David u Angel konjugi Delicata u l-esponent Walter Zammit jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorit joghgobha thassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata inkwantu sabet lit-tliet esponenti hatja tar-reati dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artikolu 298 tal-Kap 9 u l-artikou 72(1)(b) tal-Kap 416, u konsegwentement tilliberahom minn kull htija u piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti Walter Zammit, David Delicata u Angela Delicata esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Walter Zammit, David Delicata u Angela Delicata huma s-segwenti w cioe':-

Aggravju preliminari ta' David Delicata u Angela Delicata

Illi permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kkundannat lil "Angela Delikata, David Delikata u Patrick Meli." Illi l-esponenti jeccepixxu preliminarjament illi s-sentenza ma tistax tkun ezegwibbli kontra taghhom stante li hadd minnhom ma jgib il kunjom "Delikata". Il-kunjom, flimikien ma' l-ewwel isem, huwa dak li jiddetermina l-identita' tal-persuna misjuba hatja. M'hemmx dubju li l-kunjom taghhom huwa "Delicata", u ghalhekk il-kundanna li emanat il-Qorti tal-Magsitrati (Malta) kontra persuni bil-kunjom "Delikata" ma tistax tkun esegwibbli fil-konfront taghhom it-tnejn.

Aggravji ohra ta' 1-esponenti

Illi s-sentenza appellata fiha apprezzament tassew skorrett kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi u ghalhekk hija manifestament zbaljata. L-analizi skorretta maghmula mill-Ewwel Qorti tirrigwarda diversi aspetti tal-kaz, fosthom (a) il-kwistjoni tal-validita' tat-tfittxija kondotta fl-assenza taghhom, (b) l-irregolarita' fil-modus operandi ta' l-Ispettur Angelo Gafa' fir-rigward tal-mod kif gew mixlija kollettivament, (c) il-kwistjoni tad-dritt ghall-assistenza legali, u ohrajn.

(a) Il-validita' tat-tfittxija kondotta fl-assenza taghhom

Illi l-hanut Misto kien jigi operat mill-kumpannija CFS Limited, filwaqt li l-hanut Zero Two kien jigi operat mill-kumpannija DAZ Limited. Kull kumpannija hija persuna guridika differenti u ghandha d-diretturi taghha, li huma meqjusa bhala l-ufficjali li jirrapprezentawha.

Is-salesgirl Cassandra ma tirrapprezenta lil hadd; ghandha biss impjieg mal-kumpannija li thaddimha u thallasha. Il-presenza taghha vis-a-vis it-tfittxija ma kenitx tiswa. B'danakollu, l-Ispettur Angelo Gafa' ddecieda li jfittex fil-premises tas-sidien, fl-assenza tas-sidien. Mhux hekk biss: Huwa talab lil Cassandra turih 'l hawn u 'l hemm fl-ambjenti tal-hanut, kemm il parti tal-pubbliku kif ukoll l-areas privati

tal-hanut. Tkellem maghha u staqsiha dak li kellu bzonn ikun jaf bhallikieku hija kienet tirrapprezenta lis-sidien. L-operat tieghu gab fix-xejn il-privilege against self-incrimination. Fi kliem iehor, ittenta jinkriminahom permezz tas-salesgirl taghhom. Ma setax l-ufflejal investigattiv, eventwalment l-ufficjal prosekutur, jistaqsi lil Cassandra dak li kellu bzonn ikun jaf bhallikieku s-sidien kienu prezenti jew qiesha kienet tidher ghas-sidien. L-esponenti qeghdin jikkontestaw dan il-modus operandi bi ksur tad-drittijiet taghhom u fl-assenza taghhom. It-tfittxija kondotta mill-Prosekutur hija invalida, u dan mhux biss ghaliex saret fl-assenza taghhom, izda wkoll ghaliex l-ufficjal investigattiv kiseb taghrif biex jintuza kontra taghhom b ' rizultat tat-tfittxija maghmula mhux fil-presenza taghhom.

(b) L-irregolarita' fil-modus overandi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-mod kif gew mixlija kollettivament

Illi l-Ewwel Qorti jidher li baqghet ma setghetx tifhem l-implikazzjonijiet legali meta ssir tfittxija f'zewgt ihwienet ta' zewg kumpanniji differenti, li ghandhom diretturi differenti, televa numru ta' oggetti miz-zewgt ihwienet, u tohrog akkuzi kollettivi. Per ezempju, f'pagna 12 tas-sentenza appellata, il-Qorti tat l-impressjoni li l-esponenti kellhom arloggi tal-marka Rolex, crieket tal-marka Chanel u tags tal-marka Dior, fost ohrajn. Dan assolutament mhux miimu ghaliex l-esponenti David Delicata u Angela Delicata ma kellhom l-ebda wiehed minn dawn. Dan kollu huwa rizultat tat-tahwida li sehhet meta l-Ispettur Gafa' ghaqqad it-tfittxijjet fiz-zewgt ihwienet, ghaqqad ir-rizultati ben diversi, ghaqqad jew gabar lill-akkuzati flimkien, u ghaqqad l-akkuzi. Izda, minkejja li t-trattazzjoni tad-difiza giet registrata b'mezzi elettromanjetici u dan kollu kien spjegat mid-difiza (u mhux dakinhar biss tat-trattazzjoni, izda anke f'okkazzjonijiet ohra matul il-kontroezami ta' l-Ispettur Angelo Gafa'), jidher li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) baqghet ma fehmitx l-implikazzjonijiet legali ta' din l-imgieba konfusjonali u pregudizzjevoli. L-esponenti gew mixlija kollettivament bi-istess akkuzi fuq fatti differenti u separati u distinti. Dan ma setax hlief iwassal ghal pregudizzju serju. Ghalhekk, l-esponenti ghamlu sewwa kkontestaw dan l-operat. Izda fis-sentenza appellate dina l-linja difensjonali lanqas tissemma, multo magis allura l-Qorti naqset li tikkunsidraha.

Illi hemm aspett iehor relatat ma' din il-kwistjoni, liema aspett ghandu importanza krucjali u determinanti ghal dan il-kaz. Qabel xejn, irid jinghad illi l-oggetti elevati ma kellhomx 'price tag'. L-oggetti li jkunu ghall-bejgh ikollhom 'price tag'. Mela, res ipsa loquitur. Dak li ma jkollux 'price tag' mieghu johloq prova prima fade li tali oggett ma kienx espost ghall-bejgh. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-onus probandi li tipprova li l-oggett kien ghall-bejgh, u dan il-piz baqa' ma giex imwettaq mill-prosekuzzjoni.

Illi l-Ispettur Angelo Gafa' stess jghid li hu u Cassandra hargu xi kaxxa mill-kamra ta' gewwa tal-hanut fejn ma jidhoix il-pubbliku. L-esponenti diga' ilmentaw illi l-investigazzjoni ma setghetx issir bl-assistenza ta' Cassandra, is-salesgirl, izda kellhom id-dritt ikunu prezenti huma meta tkun qieghda ssir it-tfittxija u jkunu ghaddejjin l-investigazzjonijiet fil-proprjetajiet li taghhom huma kienu l-operaturi. Il-prosekuzzjoni ma ppruvatx illi l-oggetti elevati kienu ghall-bejgh jew esposti ghall-bejgh. Biex tiddizimpenja ruhha f'dan l-onus, il-prosekuzzjoni kellha tipproduci, per ezempju, VAT receipt bhala prova li kienu qeghdin jinbieghu lill-pubbliku. Il-prosekuzzjoni lanqas 'price tag' ma pproduciet!

Illi l-Qorti tal-Magistrati qalet hekk f'pagni 11-12 tas-sentenza appellata: "Insista li l-arloggi li kien hemm gol-kaxxa taz-zraben ma kellhom ebda price tag fuqhom. In kontroezami baqa' jinsisti li dawk li kienu go kaxxa kienu gol-istore biex jigu ritornati." Dan hu proprju dak li sostnew l-esponenti. Izda l-Qorti tal-Magistrati skartat dan il-punt krucjali msemmija f'din il-parti tas-sentenza — indikazzjoni ohra li ma saritx valutazzjoni korretta tal-fatti u tal-ligi.

Meta huma gew mistoqsijin kemm jinbieghu dawk l-arloggi, it-twegiba kienet wahda generika. Matul is-sena kienu gew importati bosta arloggi, izda dawk l-arloggi elevati waqt it-tfittxija ma kienux ghall-bejgh izda kienu qeghdin jinzammu f'kaxxa tal-kartun f'area privata tal-hanut sabiex jigu ritornati, stante li l-esponenti ma kienux ordnaw ebda arloggi tad-ditti.

(c) Id-dritt ghall-assistenza legali

L-esponenti ilmentaw ukoll li d-dritt taghhom li jkellmu avukat fiz-zmien ta' l-interrogatorju ma giex rispettat. L-ufficjal investigattiv injora d-drittijiet ta' l-esponenti u dan ser jibqa' jigi kkontestat. Id-dritt li persuna tkellem avukat fl-istadju investigattiv ma twelidx fl-10 ta' Frar 2010 meta wellidnieh hawn Malta, izda kien jezisti hafna zmien qabel: ara Magee v. United Kingdom, 6/6/2000. Id-dritt li persuna tkellem avukat fi-istadju ta' l-investigazzjoni huwa rikonoxxut bhala 'counterweight' ghall-atmosfera ta' l-interrogatorju li persuna tkun qieghda tiffaccja wahedha vis-a-vis l-Pulizija.

Kieku l-esponenti kienu kellmu avukat, it-twegibiet taghhom kienu jkunu specifici. Minflok, huma kellhom iwiegbu mistoqsijiet maghmula lilhom minn Spettur tal-Pulizija kapaci u mimli esperjenza, abitwat li jpoggi lil kull persuna interrogata taht pressjoni. David u martu Angela kienu zghazagh u ma kelihom l-esperjenza u dawn l-affarijiet. David kien ilu fin-negozju madwar sena u nofs biss. L-Ispettur esplojta d-djufija tal-persuni interrogati minnu u d-drittijiet taghhom ma gewx imharsa. Il-Qorti tal-Magistrati kkondonat dan kollu billi rrimarkat: "Hadd minnhom ma kien ta' xi eta' minorenni. Tant hu hekk, illi kif jidher mill-atti anke kienu kollha involuti fin-negozju, gew moghtija d-debita twissija — dan zgur illi ma giex ikkontestat." Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, ir-ragunament taghha jmur kontra bosta sentenzi moghtija fi Strasbourg, mhux biss dawk minn Salduz v. Turkey 'lil hawn, izda bosta sentenzi ohra moghtija qabel din is-sentenza importanti! Wiehed jiskanta li fis-sena 2015 xi gudikanti ghadhom isibu gustifikabbli operat bhal dan, li jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' persuna li ma tigix inkriminata u tad-dritt ghall-assistenza legali waqt l-investigazzjoni. Dak li l-esponenti jikkontestaw hu li huma midhla tal-pulizija jew ta' l-operat tal-pulizija jew li huma xi kriminali. L-etajiet mhux kollox; il-vulnerabilita' tmur ferm oltre l-eta' ta' tmintax-il sena. Alvin Privitera kellu tmintax-il sena u erba' xhur, ghalhekk, lanqas hu ma kien minorenni (ara sentenza Victor Lanzon nomine vs. Kummissarju tal-Pulizija, Qorti Kostituzzjonali). Izda kien wiehed mill-persuni akkuzati li kellu d-dritt fondamentali tieghu protett, qabel ma bdiet is-sensiela ta' sentenzi konfliggenti li kkawzaw tahwid fil-mohh ta' kull avukat u tal-pubbliku in generali. Id-dritt jew jigi rispettat jew jigi

infrant; hekk tirrikjedi l-Konvenzjoni Ewropeja. Izda hawn Malta bosta gudikanti baqghu jsibu gustikabbli agir li jivvjola d-dritt garantit.

Illi b'dispjacir jigi notat illi s-sentenza appellata fiha hafna zbalji u hafna drabi hija 'approssimattiva' u nieqsa minn ezami approfondit tal-fatti tal-kaz u tal-linji difensjonali ttrattati quddiemha. F'pagna 3 tas-sentenza hija tghid li l-hanut Zero Two kien operat mill-kumpannija DAZ Company Limited u kellu bhala diretturi u shareholders lil David Delicata, Walter Zammit u Angela Zammit. Dan hu zbaljat. Walter Zammit la qatt kien direttur u lanqas azzjonista ta' DAZ Company Limited. Dan il-punt jirrigwarda taghrif semplici li jigi akkwistat mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija. Il-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex twettaq zball bhal dan ghax it-taghrif huwa baziku ghall-kwistjoni.

Jekk Walter Zammit ma kellux x'jaqsam ma' DAZ Company Limited la bhala direttur u lanqas bhala azzjonist, kif setghet taccetta l-asserzjoni li huwa jassumi responsabbilta' ta' dak kollu li nstab fiz-zewg negozji, kif gie ppressat jghid mill-Ispettur Angelo Gafa'? Gudikant ma jistax ihalli jisfuggielu punt elementari bhal dan, illi kull kumpannija ghandha personalita' guridika separata u distinta, u li kull kumpanija ghandha l-ufficjali taghha, u Walter Zammit m'huwiex ufficjal ta' DAZ Company Limited. Issa, kieku l-Memorandum & Articles ma kienux fi-atti, wiehed seta' jghid li hemm informazzjoni nieqsa. Izda, stante li l-Memorandum & Articles jinsabu fi-atti, wiehed bilfors ikollu jikkonkludi li l-Ewwel Qorti ma ezaminatx l-affarijiet sew, stante li Walter Zammit ma kienx involut f'DAZ Company Limited. Naturalment, l-incidenza ta' zbalji tissarraf f'nuqqas ta' attenzjoni. Jekk fis-sentenza appellata hemm numru gmielu ta' kontradizzjonijiet, inkonsistenzi u anke taghrif infondat, kemm tista' tinghata affidabbilita' lil dik is-sentenza?

Jekk David Delicata m'ghandu l-ebda konnessjoni ma' CFS Limited jew mal-hanut Misto, kif jista' jigi gustifikat li l-Qorti tal-Magistrati taghti l-impressjoni li huwa kellu arloggi Rolex, crieket Chanel u tags Dior, fost ohrajn? Dan huwa rizultat indelibbli tat-tahwida perpetrata waqt it-tfittxijiet fiz-zewgt ihwienet u l-ghazla li l-

esponenti jigu mixlija kollettivament. Li hu sorprendenti hu kif l-Ewwel Qorti ma rat xejn hazin fdan ir-rizultat bizarr.

Kwantu ghall-kritika magbmula mill-Ewwel Qorti dwar dewmien fil-proceduri, tajjeb jinghad illi jekk wiehed jghid biss "illi nhlew hafna differimenti minhabba nuqqas ta' dehra ta' wiehed jew l-iehor mill-ko-imputati", allura wiehed ikun kostrett jghid li dan mhux minnu. David Delicata kien assenti darbtejn fi hdax-il sena ta' proceduri, u dan minhabba x-xoghol. Angela Delicata ma kienet assenti qatt. Walter Zammit ma kien assenti qatt. Patrick Meli kien assenti darba. Il-Magistrat Miriam Hayman f'diversi okkazzjonijiet hassret is-seduta, l-avukat difensur Tonio Azzopardi ma kienx prezenti f'diversi okkazzjonijiet izda dan mhux ghax ma attendiex izda ghaliex jew ikun nizel fi-awla u sab li kienet iffullata bi-avukati, pulizija, esperti u akkuzati, jew ghax meta heles mill-kawzi tal-Qrati Superjuri, il-Magistrat tkun diga' sejhet il-kawza minghajru u b'hekk l-attendenza tieghu ma tkunx registrata fi-atti dakinhar. Min-naha tal-Prosekuzzjoni, l-Ispettur Angelo Gafa' ghamel sensiela shiha ma jattendix minhabba l-investigazzjoni fuq il-kaz ta' Silvio Zammit u John Dalli, apparti l-wasla ta' mewgiet ta' immigranti illegali, u l-Ispettur Jonathan Ferris attenda darbtejn minn ghaxar seduti bejn l-2013 u 1-2015. Bir-rispett kollu, mhux sew li l-Ewwel Qorti tipprova titfa' dell fuq hekk meta l-fatti juru xort'obra.

Illi l-kaz odjern imur lura ghas-sena 2003/2004. Il-piena inflitta hija eccessiva. David Delicata gie kkundannat ihallas multa ta' EUR 2,000 u 'conditional discharge' ghal 3 snin. Fil-kaz odjern, Angela Delicata, fl-ewwel kaz li qatt kellha, giet immultata EUR 2,000 (multa) kif ukoll liberta' kundizzjonata ghal 3 snin shah!

Illi l-esponent Walter Zammit ihossu aggravat bis-sejbien ta' htija kif ukoll bir-rimarka assolutament bla bazi illi "pero' dwar il-multa, ghax jidher li hu ma biddel xejn mill-modus operandi tieghu, tikkundannah ghar-reati li taghhom gie issa kkundannat u dan konsiderando dak stabbilit fil-Kapitolu 416 Artikolu 74, ghal multa ta' sitt elef Ewro (€6,000)." Wiehed jimmagina li Walter Zammit baqa' jwettaq l-istess reati, meta Walter Zammit ilu li waqaf minn dan in-negozju mis-sena 2004!

Minn dak iz-zmien kien ma jiflahx, kellu attakk tal-qalb, ghamel intervent serju ta' triple bypass, nehhewlu t-thyroid gland, kellu ulcera u jkollu jiehu 14 pillola kuljum u hareg bil-pensjoni — eppure l-Ewwel Qorti qalet li 'jidher li hu ma biddel xejn mill-modus operandi tieghu". Bir-rispett, din hija konkluzjoni ohra bazata fuq asserzjoni gratuwita u mhux fuq fatti processwali.

Illi l-esponenti jirriservaw id-dritt li jressqu sottomissjonijiet ohra waqt it-trattazzjoni orali tal-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti, inkluz sottomissjonijiet fuq l-applikabilita' tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikati fil-konfront taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti Angela u David Delicata preliminarjament jissollevaw il-pregudizzjali illi s-sentenza appellata ma hijiex ezegwibbli fil-konfront taghhom billi fil-parti decizorja taghha l-kunjom taghhom jaqra bhala "Delikata" u mhux "Delicata" u kwindi ma tezisti l-ebda kundanna kontriehom.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr li ma tistaqx taqbel ma' din il-linja difensjonali ta' dritt billi l-okkju tas-sentenza li fil-konfront taghhom allura saret il-kundanna igib l-isem u l-partikolaritajiet kollha tal-appellanti David u Angela Delicata. Il-kunjom huwa imnizzel kif suppost u *di piu'* hemm indikat in-numru tal-karta ta'l-identita ta' dawn it-tnejn minn nies li allura facilment jaghti identifikazzjoni lil persuni ikkundannati. Illi ghalkemm huwa minnu illi fil-parti decizorja l-Ewwel Qorti x'aktarx erronjament indikat il-kunjom "Delicata" bl-ittra "k" u mhux "c", madanakollu s-sentenza appellata xortawahda tibqa' wahda valida skont il-ligi u ezegwibbli fil-konfront ta' dawk il-persuni indikati fl-okkju tas-sentenza kif identifikati bin-numru tal-karta ta'l-identita taghhom.

Illi id-dettami imfassla fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jindikaw dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Stabbiliti dawn ir-rekwiziti allura u verifikat illi dawn gew osservati fid-decizjoni impunjata, verifikat ukoll illi l-identifikazzjoni tal-persuni ikkundannati tirrizulta indubitata, kif inghad, dan il-*gravam* preliminari imressaq 'il quddiem mill-appellanti Delicata ma jisthoqqlux akkoljiment.

Sorvolat dan l-ewwel aggravvju, l-appellanti kollegjalment imbaghad jippruvaw ixejjnu il-validita tat-tfittxjia li saret fil-hanut 'Zero Two"u jippruvaw jimminaw il-*modus operandi* tal-prosekuzzjoni li xliet lill-appellanti u lill-akkuzat l-iehor Patrick Meli kollettivament.

Issa mix-xhieda ta'l-Ispettur Angelo Gafa' jidher, kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti fl-aggravvju minnhom intentat, illi meta il-pulizija kienu fuq il-post kien prezenti l-appellanti Walter Zammit. Fil-fatt l-Ispettur, fix-xhieda tieghu, jikkontendi li Zammit wasal fuq il-post xi ghoxrin minuta wara li ikkomunikaw mieghu fejn hemmhekk stqarr maghhom illi l-hwienet kemm dak bl-isem 'Zero Two', kif ukoll l-iehor bl-isem 'Misto' kienu immexxija minnu. Illi anke is-*seizure notes* esebiti in atti a fols.42 u 43 jindikaw illi l-oggetti maqbuda u elevati, allegatament foloz, gew elevati mill-pussess ta' Walter Zammit u cioe' mill-hwienet gestiti minnu 'Misto' u 'Zero Two' fejn dan iffirma ukoll dawn is-*seizure notes*. Mhux biss izda mix-xhieda ta'l-ispettur Gafa in kontro-ezami jidher illi t-tfittxija saret fil-presenza ta' Walter Zammit. Inoltre jidher illi waqt it-tfittxijiet li saru, il-pulizija ikkomunikaw ma' David Delicata u tallbuh jigi fil-hanut izda hu ma marx ghaliex kien ikkomunika ma' Walter Zammit fejn dan ta'l-ahhar qallu li ma kienx hemm ghalfejn jinqala' ghaliex kien ser jiehu hsieb hu! (fol.201 tax-xhieda tieghu).

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid, b'mod specjali ix-xhieda tal-Ufficjal investigattiv u Prosekutur u ix-xhieda tas-*salesgirl* Cassandra Saliba u minn imkien ma jirrizulta dak allegat mill-appellanti f'dan l-aggravvju minnhom intentat u cioe' li

t-tfittxija saret fil-presenza tas-*salesgirl* li allegatament indikatilhom l-oggetti foloz kemm fil-parti pubblika tal-hanut kif ukoll fl-i*store* u li din ukoll tkellmet mal-pulizija minflok is-sid tal-hanut. Dawn il-fatti ma humiex ippruvati. Kif inghad l-pulizija ikkomunikaw kemm ma' Walter Zammit kif ukoll ma' David Delicata u tallbuhom jinzlu fuq il-post sabiex issir it-tfittxija fil-presenza taghhom u Zammit nizel hu biss u assuma ir-responsabbilta' ghat-tmexxija taz-zewgt ihwienet. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi ghalkemm dawn il-hwienet kienu qed jigu gestiti minn zewg kumpaniji u cioe' CFS Limited u DAZ Co.Ltd, li taghhom Meli u Delicata kienu diretturi, madanakollu t-tmexxija tal-hwienet inkluz ix-xiri u l-importazzjoni tal-merkanzija kienet tithalla f'idejn Zammit. Illi allura maghdud dan minn imkien mill-provi ma johrog illi l-Ufficjal Investigattiv ipprova jinkrimina lil xi hadd mill-appellanti tramite dak mistqarr lilu mis-*salesgirl*. Fil-fatt mix-xhieda ta'l-Ispettur Gafa jidher illi din is-*salesgirl* Cassandra Saliba kienet giet mitkellma fil-kors ta'l-investigazzjonijiet li segwew it-tfittxijiet xi jiem wara, u cioe' fis-17 ta' Lulju 2004, u mhux fil-jum tat-tfittxijiet li sehhew fl-14 ta' Lulju 2004.

Illi sahansitra id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali jindikaw illi ufficjal tal-pulizija huwa awtorizzat jaghmel tfittxija f'fond meta dan, fost cirkostanzi ohra, jkun irid jipprevjeni l-ghemil ta' delitt u dan ghaliex "kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jidħol u jfittex mingħajr mandat kull post, dar, bini jew reċint fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 355E(1)(a) sa (e)" tal-Kodici Kriminali.[1] Illi anke meta it-tfittxija f'fond isir permezz ta' mandat ta' perkwisizzjoni, kopja tal-mandat tista' tithalla f'idejn "persuna li tkun toqgħod u tkun preżenti fil-post imfittex jew lil kull persuna oħra li tkun tidher lil dak l-uffiċjal bħala li tkun in karigata mill-istess post u li tista' tkun hemm preżenti waqt it-tfittxija[2]". Dan ifisser allura illi t-tfittxija li saret fil-presenza ta' Walter Zammit li kien imexxi il-hwienet mertu tal-kaz kienet wahda legalment valida. Illi ghaldaqstant anke dan l-aggravvju huwa infondat u ma jisthoqqlux akkoljiment.

[1] Ara artikolu 355K tal-Kodici Kriminali.

[2] Ara artikolu 355 et seq. Kodici Kriminali

L-appellanti jilmentaw ukoll illi l-prosekuzzjoni ta' dan il-kaz giet immexxija b'mod irregolari bil-persuni kollha involuti f'dina l-vicenda jigu akkuzati kollettivament meta jidher illi kienu involuti zewg kumpaniji differenti li kienu jiggestixxu zewg hwienet differenti u li allura l-fatti kienu separati u distinti minn xulxin. L-appellanti fil-fatt jilmentaw illi l-Ewwel Qorti erronjament fid-decizjoni taghha attribwiet oggetti allegatament foloz lill-appellanti odjerni meta dawn gew misjuba fil-hanut gestit mill-ko-akkuzat Patrick Meli u s-socjeta li taghha huwa kien direttur. L-appellanti jilmentaw illi ghalkemm dina l-linja difensjonali kienet giet sollevata in prim'istanza, l-Ewwel Qorti madanakollu injoratha fid-decizjoni taghha. Dan holoq pregudizzju ghall-appellanti in vista tal-linja difensjonali sollevata minnhom illi l-oggetti elevati mill-pussess taghhom ma kenux esposti ghal bejgh izda kienu qed jinzammu fl-istore tal-hanut u li allura lanqas ma kellhom *price tag* maghhom. Huma fil-fatt jinsistu illi dawn kienu qed jinzammu go kaxxa sabiex jigu ritornati peress illi mill-hanut taghhom huma qatt ma bieghu oggetti tad-ditta.

Issa l-ligi imkien ma tindika il-mod kif ghandha tigi redatta c-citazzjoni fil-qrati inferjuri ghajr ghal dak li jiddisponi l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Izda b'analogija mal-att ta'l-akkuza, jista' ikun hemm tnejn jew iktar minn zewg persuni mixlija bil-kummissjoni ta' reat jew reati. L-artikolu 591 ighid hekk:

*"Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri."*

Imbaghad l-artikolu 592 jistipula ic-cirkostanzi fejn ir-reati jitqiesu li huma konnessi ma' xulxin u cioe':

*"(a) meta jsiru fi żmien wieħed minn żewġ persuni jew aktar miġburin flimkien;*

*(b) meta jsiru fi żminijiet u postijiet diversi u minn persuni diversi wara ftehim li jkun sar bejniethom minn qabel;*

*(ċ) meta reat isir biex iservi ta' mezz għal reat ieħor;*

*(d) meta reat isir biex jiffaċilita l-esekuzzjoni jew il-konsumazzjoni ta' reat ieħor, jew biex jiżgura lill-ħati l-impunità dwar reat ieħor."*

Issa minn ezami ta'l-atti ghandu johrog illi l-hwienet 'Zero Two' u 'Misto' ghalkemm jidher illi huma gestiti minn zewg socjetajiet kummercjali differenti, madanakollu it-tmexxija taghhom ta' kuljum isehh minn persuna wahda u cioe' minn Walter Zammit bl-istess *modus operandi* billi f'idejh huwa fdat l-importazzjoni, xiri u bejgh tal-merkanzija minn dawn il-hwienet. Dan ifisser illi ghalkemm legalment il-gestjoni taz-zewgt ihwienet hija mohbija wara 'l hekk imsejjah "*corporate veil*" ta'zewg kumpaniji separati u distinti, madanakollu fattwalment it-tmexxija hija wahda u unika. Illi ghalhekk huwa ko-awtur f'delitt meta jkun hemm bejn tnejn jew aktar minn nies dik il-partecipazzjoni materjali fil-kummissjoni tar-reat fejn allura kemm l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jista' jigi mixli b'dak id-delitt. Din il-konkluzjoni tissahhah jekk imbaghad ikun hemm l-ispartizzjoni tar-refurtiva. Izda fuq kollox il-ligi thalli f'idejn minn qieghed imexxi il-prosekuzzjoni sabiex bil-gwida tad-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati jaghzel kif ser jigu mixlija dawk il-persuni akkuzati bil-kummissjoni tar-reat. Tant hu hekk illi huwa biss fuq talba tal-proskuzzjoni illi l-Qorti tista tghaddi ghas-separazzjoni tal-gudizzju ta' ko-akkuzati u mhux ukoll dik tad-difiza. Issa jekk hemm xi provi li ma kenux japplikaw fil-konfront ta' ko-akkuzat wiehed izda kontra l-ko-akkuzati l-ohra u li allura ma setghux jigu imputati lil dak il-ko-akkuzat fid-decizjoni ta' htija, dan ma igibx mieghu xi nullita tal-proceduri minhabba il-mod kif il-persuni akkuzati gew mixlija flimkien, billi din hija fid-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni kif inghad, izda tista' twassal biss ghal apprezzament erronju tal-provi u xejn aktar. Illi allura jekk kien hemm xi oggetti allegatament foloz li ma kellhomx jigu imputati lill-appellanti izda lill-ko-akkuzat l-iehor huwa biss rimess ghal gudizzju ta' apprezzament ta' provi u mhux ghal mod kif setghu gew mixlija l-appellanti flimkien ma' terzi. Fuq kollox l-oggetti elevati miz-zewgt ihwienet qatt ma gew imhallta bis-*seizure notes*, it-tnejn iffirmati minn Walter Zammit jindikaw liema oggetti gew elevati mill-hanut 'Zero Two' u liema gew elevati mill-hanut "Misto". Dan ifisser, allura, illi qatt ma setghu

jigu imputati provi kontra xi ko-akkuzat li ma kenux imputabbli lilu u jekk dan sehh fi-deczijoni impunjata, tali nuqqas jista', kif inghad jikkostitwixxi apprezzament zbaljat tal-provi u xejn iktar. Kwindi lanqas dan l-aggravvju ma huwa fondat u qed jigi rigettat.

**Id-dritt ghall-assistenza legali**

Illi l-appellanti isostnu illi l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija huma inammissibbli bhala prova u ghandhom jigu rimossi mill-atti billi dawn ittiehdu minghajr l-assistenza legali u kwindi huma lezivi tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Dirttijiet tal-Bniedem. Illi illum ghandu jinghad illi giet kristalizzata l-posizzjoni fid-dritt penali malti fejn persuna suspettata ma tkunx giet moghtija assistenza legali ghaliex il-ligi fiz-zmien meta tkun giet rilaxxjata tali stqarrija kienet tippreklud i dan id-dritt fejn hemm mistqarr car u tond illi kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq dan ghaliex il-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti.

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[3].

Illi madanakollu f'dina l-istanza il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni kemmxejn differenti, fejn id-difiza stess li konsapevoli ta'l-valur probatorju ta' tali stqarrijiet tant illi qanqlet l-eccezzjoni ta'l-inammissibilita taghhom quddiem l-Ewwel Qorti, ghogobha taghmel referenza ghalihom fil-kors tax-xhieda tal-appellanti, tant illi l-

[3] Ara Il-Pulizija vs joseph Camilleri – 25/02/2016;

istess appellanti fix-xhieda taghhom ikkonfermaw bil-gurament il-kontenut ta' tali stqarrija u fil-kaz ta' l-appellanti David Delicata u Walter Zammit sahansitra elaboraw fuq il-kontenut tal-istess. Dan wassal allura biex prova li *ab initio* kienet inammissibbli ghal mottiv imqanqal mid-difiza, sussegwentement giet reza ammissibbli bl-operat tad-difiza stess meta l-appellanti bhala persuni akkuzati hadu il-pedana tax-xhieda minn jeddhom u dik l-istqarrija inkorporawha bhala parti minn dik ix-xhieda biex b'hekk allura bidlu ix-xejra tad-dikjarazzjoni minn wahda moghtija fil-kors ta' investigazzjoni u inammissibbli billi moghtija minghajr l-assistenza legali, ghal dikjarazzjoni moghtija bil-gurament fil-presenza u bl-assistenza ta'l-avukat tal-fiducja taghhom, anzi addirittura taht id-direzzjoni tieghu. Illi din il-Qorti ghalhekk ghalkemm tista' tiskarta l-istqarrijiet tal-appellani bhala prova, madanakollu ma tistax tistkarta ix-xhieda taghhom moghtija bil-gurament u minn jeddhom quddiem il-qorti. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti imbaghad iressqu l-aggravvju generiku dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti li huma iqiesu bhala wahda 'approssimattiva' u nieqsa minn ezami approfodnit tal-fatti tal-kaz u tal-linja difensjonali trattati quddiemha fosthom illi l-oggetti elevati mill-i*store* tal-hanut gestit minnhom ma kenux esposti ghal bejgh u kienu ser jigu ritornati lis-*supplier*.

Issa jirrizulta minn ezami ta'l-akkuzi migjuba kontra l-appellanti illi huma kienu qed jigu mixlija bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 298(1)(a)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 72(1)(b) tal-Kapitolu 416. Issa l-Ewwel Qorti tonqos milli tindika fil-parti decizorja taghha taht liema sub-inciz ta'l-artikolu 298 qed issib htija, izda tiddikjara lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom biex b'hekk allura ghandha tirrizulta ir-reita' taht it-tlett sub-incizi hawn fuq indikati.

Issa l-linja difensjonali imqanqla mill-appellanti ma hijiex daqstant l-falzita o meno ta'l-oggetti maqbuda mill-pulizija billi b' verbal tad-19 ta' Gunju 2009 id-difiza, minghajr pregudizzju, iddikjarat li qed taccetta bhala fatt illi l-oggetti esebieti ma kenux genwini. Tikkontesta kif inghad, izda, illi dawn ma kenux qed jigu offruti ghal bejgh. Illi l-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu

298(1)(f), jitfa' l-piz tal-prova fuq il-persuna akkuzata billi johloq il-presunzjoni legali illi l-akkużat jkun mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax -

"*(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-dispożizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id- delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*

*(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u*

*(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen*"

Issa mid-dokumenti esebieti in atti, l-appellanti Zammit jipprezenta ammont ta' *invoices* li jindikaw x-xiri in generali ta' arloggi u oggetti ohra ta' gojellerija, li ghalkemm jirreferu ghaz-zmien meta sehh ir-reat mertu tal-kaz, madanakollu ma jindikawx jekk dawn l-oggetti jirreferux ghall-istess oggetti li fil-fatt gew elevati mill-pulizija. Issa ibda biex l-Ispettur Gafa minn imkien fix-xhieda tieghu ma jindika illi l-oggetti li eleva kienu ittiehdu minn kamra indikata mill-appellanti bhala *store* u mhux mill-hanut. Huwa l-appellanti Zammit li jikkontendi illi l-arloggi gew elevati minn kaxxa li kienet gewwa l-i*store* u li dawn kienu hemmhekk sabiex jigu ritornati. In kontro-ezami l-Ispettur Angelo Gafa jibqa' jinsisti illi l-episodju suggerit lilu mid-difiza illi kienet is-*salesgirl* Cssandra Saliba li gabitlu kaxxa minn gewwa l-i*store* mimlija arloggi ma jiftakarx li sehhet. Fil-fatt ighid illi lanqas indika fir-rapport tieghu illi sehh dan il-fatt. Illi Cassandra Saliba li kienet impjegata fil-hanut 'Zero Two', fix-xhieda taghha tikkonferma illi minn dan il-hanut kienu jinbieghu oggetti "tad-ditta" u li il-pulizija kienu elevaw diversi arloggi bhal dawn. Tiftakar illi mill-hanut kienu jinbieghu oggetti tad-ditta bhal 'Gucci', 'Louis Vitton', u 'Dolce Gabbana' li l-prezzijiet taghhom kienu jkunu ta' madwar tlettax-il lira maltin u li l-prezzijiet qatt ma eccedew il-hamsin lira Maltin. Illi di piu' l-ebda wiehed mill-appellanti ma jissosdisfa il-piz tal-prova u dan fuq bazi tal-probabbli kif indikat fl-artikolu 302 hawn fuq iccitat. L-ebda wiehed minnhom ma iressaq prova illi ha l-prekawzzjonijiet mehtiega sabiex jara illi dawn l-oggetti foloz ma jigux offruti ghal bejgh u ma jinbieghux. Lanqas ma inghata taghrif dettaljat dwar il-provenjenza ta'

din il-merkanzija u l-persuni minn ghand min l-istess gew mixtrija ghajr ghal dak li jiddikjara Walter Zammit illi kien jixtri il-merkanzija mit-Tajlandja. Illi allura stabbilit illi l-oggetti esebieti mill-prosekuzzjoni huma foloz, kif maqbul mid-difiza stess, stabbilit illi dawn l-arloggi mhux biss kienu jigu esposti ghal bejgh izda sahansitra li sar bejgh taghhom, kif tikkonferma s-*salesgirl* Cassandra Saliba, meqjus illi l-appellanti ma ressqux il-prova mehtiega fil-ligi sabiex jiskulpaw rwiehom mill-akkuza imressqa taht l-artikolu 298(1)(f) u dan kif imfisser fl-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghal konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti abbazi tal-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti.

Mhux biss izda fir-rigward ta'l-appellanti David u Angela Delicata bhala diretturi tas-socjeta minnhom gestita, bir-responsabbilta vikarja taghhom stabbilita fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, kien jinkombi fuqhom li jipprova, fit-termini ta'l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, illi huma kienu ezercitaw d-diligenza kollha xierqa fl-operat taghhom biex jigi evitat l-kummissjoni tar-reat, haga li jidher li naqssu milli jaghmlu kif jirrizulta mix-xhieda taghhom stess fejn it-tnejn li huma jiddikjaraw illi kienu ihallu f'idejn l-appellanti l-iehor Walter Zammit fit-tmexxija tan-negozju u lanqas kienu jafu jekk l-oggetti li kienu jinbieghu fil-hanut kenux genwini o meno ghalkemm kienu jinbieghu bi prezz baxx, b'Angela Delicata sahansitra tiddikjara illi hija qatt ma kienet tkun fil-hanut. Jafu inoltre illi ma tinghata l-ebda garanzija ghall-oggetti mibjugha mill-hanut. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Illi finalment l-appellanti jilmentaw illi l-piena inflitta hija eccessiva u dan meta l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti David Delicata u Angela Delicata multa kull wiehed ta' €2000 kif ukoll applikat il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront taghhom u dan ghal perijodu ta' tlett snin. Illi fir-rigward ta'l-appellanti Walter Zammit billi dan kellu jitqies illi ikkometta r-reat matul perijodu ta' liberta kundizzjonata imposta fuqu b'sentenza tas-26 ta' Settembru 2002, allura ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €6000 u applikat il-

provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 u dan kull wahda ghal tlett snin.

Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. .... In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[4]"**

Issa l-piena stabbilita ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali hija dik tal-prigunerija ghal perijodu minn erba' xhur sa sena. L-artikolu 72 tal-Kapitolu 416, jistipula illi l-persuna misjuba hatja teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Illi allura meta l-Ewwel Qorti bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali ghaddiet biex tinfliggi il-piena tal-multa flimkien ma'l-applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minflok il-piena tal-prigunerija, kienet qed tikkomina piena li taqa' sew fil-parametri dettati fil-ligi. Illi l-appellanti ma iressqux raguni wahda valida 'il ghala din il-piena kellha titqies bhala wahda eccessiva jew ingusta fic-cirkostanzi, anzi din il-Qorti tistqarr illi l-Ewwel Qorti kienet piuttost ragjonevoli u anke miti fil-konfront taghhom. Illi di piu' fil-konfront ta'l-appellanti Walter Zammit, ghalkemm dan kien gie misjub hati li wettaq ir-reati in dizamina fil-perijodu ta' liberta kundizzjonata imposta fuqu b'sentenza ohra tal-qorti, madanakollu qieset illi ma kellhiex timponi piena karcerarja effettiva x'aktarx ghar-ragunijiet ta' sahha indikati mill-appellanti f'dan il-gravam. Ghaldaqstant lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata fil-konfront ta'l-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur